

Paġna ewlenija>Reġistri - kummerċjali, dwar l-insolvenza u tal-artijiet>Reġistri dwar il-falliment u l-Insolvenza
Reġistri dwar il-falliment u l-Insolvenza

Malta

X'joffri s-Servizz tal-Insolvenza ta' Malta?

Is-Servizz tal-Insolvenza ta' Malta joffri dettalji dwar kawżi fil-Qrati Maltin dwar insolvenza ta' kumpaniji jew falliment ta' individwi kif ukoll dettalji dwar informazzjoni li jirċievi r-Registatur tal-Kumpaniji dwar dikjarazzjonijiet ta' insolvenza mid-diretturi ta' kumpaniji fi stat ta' insolvenza.

L-aċċess għal dan ir-Reġistru huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess għal dan ir-Reġistru huwa mingħajr ħlas u r-Reġistru huwa aċċessibbli minn din il-link:

<https://ecourts.gov.mt/online-services/insolvency>

Kif tfittex fir-Reġistru tal-Insolvenza?

Tista' tfittex fir-Reġistru tal-Insolvenza jew bl-isem tad-debitur jew bin-numru tal-Karta tal-Identita' tiegħu jew bin-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija.

L-istorja tas-Servizz tal-Insolvenza ta' Malta

Qabel ma sar dan ir-Reġistru tal-Insolvenza, l-informazzjoni dwar kumpaniji fi stat ta' insolvenza kienet tinżamm mir-Registatur tal-Kumpaniji filwaqt li l-informazzjoni dwar kawżi ta' insolvenza u ta' falliment kienet tinżamm mill-Qorti. L-informazzjoni miżmuma mill-Qorti kienet tiġi ppublikata fil-website fejn tiġi ppublikata informazzjoni dwar il-kawżi in ġenerali. Ir-Reġistru tal-Insolvenza sar aċċessibbli għall-pubbliku f'Jannar 2018 u fih dettalji dwar insolvenza u falliment li jmorru lura għall-1 ta' Jannar 2014.

Links relatati

<https://ecourts.gov.mt/online-services/insolvency>

L-aħħar aġġornament: 04/09/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.